#### IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA* | *TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | MARZU 1943

# IX-XIRKA TAL-PINNA

Fost dawk li jħaddmu l-pinna hemm għaqda ta' ħbubija u ġibda ta' qima li l-ebda twegħir ma jista' jaqtagħhom: il-kittieba jħossu ruħhom marbutin f'xirka ta' ħsieb li jġagħalhom jifirħu jew jitnikktu bil-ġid jew bid-deni li jiġri wieħed lil ieħor.

Il-kittieba jifhmu aktar il-hemm tal-ħajja u t-tqanqil tar-ruħ li jaħkmu fuq il-bniedem fi żminijiet ta' tiġrib kbir bħal dawn li għaddejjin minnhom, huma, li bil-pinna tagħhom jagħtu sura tal-ġrajja ta' kuljum, aktar iħossu l-qagħda kerha li bħal issa d-dinja tinsab fiha ħtija ta' din il gwerra u għalhekk ma jistgħux ma jaħsbux f'xulxin u jissieħbu flimkien b'qalb waħda u b'fehma waħda għalkemm imbegħdin ħafna minn xulxin.

Dan l-aħħar il-P. E N.* Club ta' Londra kitbu, b'mezz tas-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, lill-Gvern Malti biex jifirħu lill-kittieba Maltin għall-ġieh kbir li bih ir-Re għoġbu jżejjen din il-Gżira meta taha l-*George Cross.* Il-Gvern Malti ħalla f'idejn il-"Għaqda" tagħna biex tikteb għalih u bagħat it-tweġiba li hejjiet il-"Għaqda" bil-Malti u bl-Ingliż lis-Segretarju ta' l-Istat.

---

* P.E.N. tfisser "Poets, Playwrights, Essayists, Editors, Novelists". Il-P.E.N. Club huwa għaqda ta' kittieba li għandha setgħa kbira fl-Ingilterra.

Il-messaġġ li bagħat il-P.E.N. Club u dawk li kitbet il-"Għaqda" tagħna huma dawn:

TO THE WRITERS OF MALTA.

On the occasion of the presentation of the George Cross to the people of Malta, the London Centre of the International P. E. N. Club greets the writers of Malta and pays tribute to the great courage and fortitude which they in common with the whole of the Maltese people, have shown during many months of unprecedented danger. This epic story of heroism and endurance is one which poets will not allow the world to forget.

HERMON OULD,
General Secretary.

---

No. 5833/42

Lieutenant-Governor's Office,
Malta, 21st November, 1942.

Sir,

I have the honour to forward herewith the text of a message addressed to the Writers of Malta by the P.E.N., a World Association of Writers, whose temporary address is "THE PORCH, TRING, HERTS".

The message was received through the Secretary of State for the Colonies and I shall be grateful if you will inform me what reply should be sent.

A. SALOMONE,
for Assistant to Lieutenant-Governor

The Secretary
"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

---

Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tiżżi ħajr tal-ferħ mibgħut lilha mill-"London Centre of the International P.E.N. Club" meta l-Maestà Tiegħu r-Re għoġbu jżejjen 'il Malta bil-ġieh tal-George Cross.

Il-Kittieba Maltin igħożżu l-kompliment li sar lilhom, u permezz tagħhom, lill-poplu Malti, illi wera qlubija, qawwa u sabar li ma bħalu, b'inkejja ta' l-eħrex ħbit mill-għadu.

Il-Kittieba Maltin għandhom pjaċir igħarrfu lil-"London Centre of the International P.E.N. Club" li, sabiex tibqa' xhieda tas-sentimenti nazzjonali tal-poplu taħt it-toqol tal-gwerra, l-"Għaqda, bħala mera tal-moħħ u l-qalb tal-poplu Malti, xandret fil-ġurnal tagħha "Il-Malti" sensiela ta' episodji miktubin fi proża u poeżija li, miġburin fi ktieb, jagħmlu paġna mill-isbaħ fl-istorja ta' Malta—il-Gżira tal-George Cross.

Dr. ĠUŻE GALEA,
President.